**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 309/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Marie Stella Attard)**

**vs**

**Grezzju Abela**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Grezzju Abela, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 496351M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-23 t' Awwissu, 2015 għall-ħabta tal-04:45hrs ġewwa Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar;

1) Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, li ma kelliex liċenzja;

2) Saq jew pprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

3) Saq jew prova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina kienet iżjed mill-limitu preskritt.

4) Bħala persuna li għamel użu, jew bħala s-sid ta' l-imsemmija vettura, b'kitba, tpinġija jew b'mod ieħor biddel, ħassar jew sfigura jew żied xi ħaġa fil-liċenzja jew qiegħed fuq vettura diska ta' liċenzja li kienet ġiet mibdula, tħassaret jew sfigurata jew ġie miżjud xi ħaġa fiha;

Il-Prosekuzzjoni talbet l-iskwalifika mill-liċenzji kollha tas-sewqan tal-imputat għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-31 ta' Mejju, 2016 fejn il-Qorti, li biha sabet lill-imputat ħati ta' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu ghall-multa ta' €1,600, pagabbli ratealment €100 fix-xahar, l-ewwel pagament għandu jsir fl-1 ta' Lulju 2016, b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih, u fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor, kif ukoll issospendietlu l-liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur u ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jeleva mingħand l-akkużat il-liċenzja tas-sewqan minnufih b'dan illi dina tiġi ritornata lill-akkużat wara li jkun skada it-terminu tas-sospensjoni;

.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Grezzju Abela, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Ġunju, 2016, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' ħtija dwar l-ewwel u r-raba imputazzjoni, filwaqt li tħassar u tikkanċella s-sejbien ta' ħtija dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni u minnhom tilliberaħ, tħassar il-parti fejn ikkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' €1,600 u sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu għal żmien sitt xhur u minflok tapplika piena ridotta u aktar ġusta u ekwa;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravam singolari li qatt ma seta' jinstab ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni. Aggravju dan li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi. L-appellant jargumenta illi ma kienx fi stat ta' sokor u li l-apparat li ntuża għall-analiżi tal-kampjun tan-nifs ma kienx idoneju. Fuq kollox ir-riżultat li seta' jingħata mill-apparat kien qiegħed alterat minħabba l-fatt li l-appellant kien fuq trattament mediku minħabba l-kundizzjoni li jsofri minnha li żgur li kellu jagħti effett pervers.

2. Kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna, meta si tratta tal-apprezzament tal-provi din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti. Dak li ghandu jsir huwa li din il-Qorti tezamina l-provi mill-gdid u b'mod approfondit biex tara jekk il-konkluzzjoni tal-qorti tal-ewwel grad qabilha kienitx wahda legalment u ragjonevolment korretta.

3. Mill-atti processwali jemergi mill-affidavit ta' PS 1300 J.Fenech li l-appellant kien tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu JBD 098 tal-għamla BMW bil-konsegwenza li ħabat f'erba' vetturi oħra pparkjati u qaleb iċ-ċint tal-ġnien tad-Dolmen Hotel. Il-liċenzja tat-triq mwahhla mal-vettura ma kienitx l-orġinali maħruġa minn Transport Malta iżda kienet waħda falza u l-licenzja vera kienet filfatt skaduta. Dan l-ufficcjal innota li l-appellant kellu riha ta' xorb u għalhekk issuspetta li seta' kien qed isuq taħt l-influwenza tax-xorb. Sarlu l-breathalyser test fl-għassa tal-pulizija tal-Qawra fejn irrizulta 68ug/100ml li ghalhekk jissupera l-limitu preskritt mil-liġi;

4. Is-sewwieq tal-vettura l-ohra involuta fl-incident xehed illi waqt li kien qed isuq u kien hiereg ghal-fuq roundabout ra li ma kien ġej ħadd izda appena beda hiereg ra xi ħaġa sewda ġejja quddiemu, jisma' hoss u ħarġet l-airbag f'wiċċu u ma ra xejn aktar. L-appellant kien xi naqra stordut izda ma jafx ghaliex kien ħabat ma' karozza oħra u ġo ċint;

5. L-appellant ghazel li jiehu l-pedana tax-xhud u nnega li kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb tant li ma jistax jixrob ghaliex jiehu seba pilloli kull jum minħabba li kellu tliet attakki tal-qalb. Anke jekk jieħu flixkun birra wkoll jistordih. Qal li l-pulizija kienu ttentaw jghamlu l-breathalyser test ħames darbiet ghaliex l-apparat ma kienx qed jahdem izda imbagħad dan ħadem waħdu fuq il-mejda. Huwa qal li dak in-nhar kien wassal lill-partner tiegħu mill-Fgura għal Bugibba sabiex tibda x-xogħol;

6. Il-Qorti rat ukoll l-affidavit tal-Pulizija li ddikjara li xamm ir-riħa tax-xorb dak il-ħin li mar fuq il-post u li għalhekk iddeċieda li jitlob lill-appellant biex imur fl-għassa ħalli jsir il-breathalyser test. Il-Pulizija ma qabadx u ħa l-appellant lejn l-għassa għal xejn b'xejn imma għax xamm ir-riħa;

7. Il-breathalsyer test huwa l-prova forensika u dan juri r-rizultat ta' 68ug ta' alkahol għal kull 100ml fin-nifs fl-imputat appellant meta fid-data tal-inċident (2015) l-ammont permessibbli skond l- Artikolu 15(I)(a)(i) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta kien ta' 35 microgrammes. Għalhekk minn dan l-aspett l-fatti huma pruvati;

8. Issa l-appellant xehed li la jieħu dawk il-pilloli kollha tal-qalb allura ma jistax ikun li hu jixrob għaliex altrimenti jinstabat. Huwa ghalhekk kellu qabel xejn iressaq il-prova li kien soggett ghal kura li tehtieg il-konsum ta' daqstant pilloli kulljum, haga li evidentement ma ghamilx quddiem l-ewwel Qorti. La darba allega ukoll illi r-rizultat kien wiehed "pervers" kien jispetta lilu li jgib prova, almenu fil-livell tal-probabbli, illi rizultat simili huwa possibbli f'cirkostanzi konsimili. Fl-ahhar huwa jallega ukoll illi l-apparat ma kienx qed jahdem tant li hadulu n-nifs erba' darbiet u fl-ahhar beda jahdem wahdu. Dwar dan inqas ma jinghad ikun ahjar. Jinghad biss illi kienet ir-riha ta' xorb fin-nifs tal-appellant li inizzjalment qanqal suspett fil-Pulizija biex jehodlu kampjun tan-nifs.

9. Illi ghalhekk l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha u għal-dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tiċħad dik il-parti tal-appell fejn l-appellant talab it-thassir tas-sentenza kwantu it-tieni u t-tielet imputazzjoni;

10. Jibqa' xi jkun diskuss l-parti tal-appell dwar il-piena. Il-Qorti rat il-pieni kif kienu fis-sena 2015 minn fejn jemergi illi l-ewwel imputazzjoni kienet soggetta ghall-piena tal-multa sa

massimu ta' 232.94 Ewro jew prigunerija sa massimu ta' tlett xhur. It-tieni u t-tielet (f'kaz tal-ewwel infrazzjoni) soggetti ghall-piena tal-multa ta' mhux anqas minn €1200 jew prigunerija massimu ta' sitt xhur jew it-tnejn u skwalifika tassattiva tal-licenzja ghal-zmien ta' mhjux anqas minn sitt xhur. Ir-raba' imputazzjoni imbaghad timporta piena, dejjem fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reat, ta' multa ta' mhux izjed minnn €1200 jew prigunerija mhux izjed minn sitt xhur jew it-tnejn flimkien. Jidher illi l-ewwel Qorti ma segwietx ir-regola ravvizata fl-artikolu 17(f) tal-Kodici Kriminali li kienet tissoggetta lill-appellant ghal-piena ferm oghla minn dik fil-fatt kominata u ghalhekk m'ghandux ragun f'dan l-aggravju ghaliex l-anqas piena kominabbli kienet dik ta' mhux anqas minn €1,200.00;

11. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud u l-iskwalifika tal-licenzja tibda tiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum.